**Qorti Civili Sezzjoni Familja**

**Onor. Imhallef Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 30 ta' Mejju 2016**

Citazzjoni Nru. 1052 / 02NC

Kawza fil-lista: 6

**F X Z pro et noe**
**vs**
**D X**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, ippremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Guju 1998, u minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed, Edward, li ghadu minorenni; li z-zwieg bejn il-partijet tkisser irrevokabilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba mohqrija, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja separazzjoni personali [liema talba kienet sussegwentement giet konvertita ghal wahda ta' divorzju] divorzju bejn il-kontendenti konjugi X minhabba mohqrija, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu u minhabba li z-zweig tkisser b'mod irrevokabbli; [2] tafda lill-attrici bil-kura u kustodja ta' binhom minuri Edward X u l-access tal-konvenut stabbilit f'dawk il-modalitajiet xierqa fl-ahjar interess tal-minuri; [3] tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentarja ghaliha u ghal binhom minuri, b'dawk il-modalitajiet kollha xierqa inkluzi revizjoni perjodika ghall-gholi tal-hajja; [4] tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili *in toto* jew *in parte*; [5] tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-

akkwisti jigu divisi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi data u tordna li l-akkwisti li ikunu saru bix-xoghol u bil-hila tal-attrici minn dik id-data `l quddiem, jibqghu biss a beneficcju taghha, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relative u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att; [6] tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha parafernali u dotali taghha; [7] tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut; bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, in sostanza, eccepixxa: li m'hemmx oppozizzjoni ghat-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni/divrozju pero' t-tkissir taz-zwieg ghandu jkun attribwibbli ghall-attrici; l-attrici m'ghandhiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri stante l-imgieba u l-istat mentali taghha; jopponi ghat-talba ta' manteniment ghall-istess attrici; jopponi ghar-raba talba stante l-fatt li kienet l-attrici il-kagun tat-tifriek taz-zwieg u hija wkoll iddekadiet minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni; mhux qed jopponi ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti izda ghandu jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali ta' l-attrici b'rizerva li l-konvenut mhux fil-pussess ta' kwalunkwe gid ta' l-attrici u b'rizerva ulterjuri li f'kaz li l-attrici tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt fl-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-konvenut, tali dekadenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-attrici tigi misjuba li kienet hatja tal-firda; id-dar matrimonjali hija propjeta parafernali tal-konvenut u li l-attrici ghazlet li titlaq mid-dar fil-5 ta' Dicembru 2001 minghajr m'gharrfet lill-konvenut.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tiegha ppremetta li: l-hajja konjugali tal-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi, u ingurji gravi da parti ta' l-attrici; l-konvenut ottjena l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk il-konvenut qed jitlob lil dina l-Qorti: [1] tiddikjara u tippronunza s-separazzjoni/divorzju bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili tistabilixxi d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsiderata li minnha kienet hatja tal-firda; [2] tawtorizza lill-konvenut illi jghix separate mill-attrici martu; [3] tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri, Edward X, tigi fdata lill-konvenut salv l-access tal-attrici fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti; [4] tikkundanna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut zewgha, ghaliha u ghall-imsemmija tifel minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attrici u l-bzonnijiet tal-konvenut, pagabbli mill-attrici lill-istess konvenut zewgha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din ilQorti jew jekk hekk jidher xieraq

lill-istess Qorti, tordna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-konvenut jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attrici; [5] tapplika kontra l-attrici interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili; [6] tiddijara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezeistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilita min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsiderat li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-istess attrici billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att; [7] tikkundanna lill-attrici tikkonsenja lill-konvenut l-beni kollha parafernali tieghu; [8] tiddikjara illi d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tal-konvenut; [9] tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzzivament mill-konvenut u minn ibnu; [10] tawtorizza lill-konvenut illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti; [11] previa dikjarazzjoni illi l-uzu kontinwu ta' kunjom il-konvenut mill-attrici jista' jkun ta' pregudizzju gravi ghall-konvenut, tipprojbixxi lill-istess attrici milli tkompli tuza kunjom il-konvenut; bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla kontra l-attrici illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata li in sostanza eccepiet li; l-akkuzi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-tort tal-firda huwa unikament attribwibbli lill-konvenut; tichad l-akkuza ta' adulterju u ssejhielha ingurjuza; ghandu jigi pprounzjat s-separazzjoni/divorzju bejn il-partijiet tortijiet b' tort tal-konvenut; it-tielet talba ghandha tigi michuda ghax mhux fl-ahhjar interess tal-minuri; ir-raba talba ghandha tigi michuda; l-ebda dispozizzjonijiet m'ghandhom japplikaw fil-konfront taghha peress li hija m'ghandhiex tkun attribwita l-ebda tort; taqbel li l-kommunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta salv li l-konvenut jigi ssanzjonat u minn data stabbilita jigi eskluz minn kull qliegh, dhul jew akkwist maghmul bil-hila u xoghol ta' l-attrici u jigu assenjati lilha; il-konvenut m'ghandhux beni parafernali ghand l-attrici; t-tmien talba ghandha tigi kkunsiderata fid-dawl tal-krediti tal-attici li ghandha tigi mhallsa mill-propjeta`; id-disa' talba ghandha tigi michuda; l-attrici m'ghandhiex tbaghati l-ispejjez; il-hdax-il talba hija vessatorja u ghandha tkun l-attrici li taghzel jekk tirrivertix ghall-kunjom xbubitha jew le;

Rat ir-rapport tal-Perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;

Rat in-noti u r-rapporti ta' l-esperti varji fir-rigward tal-minuri;

Rat ir-rapport ta' l-avukat tat-tfal [Vol. 5 fols. 1028 u 1030];

Rat il-konverzjoni tat-talba ghas-separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju [Vol. 10 fol. 2211];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara divorzju bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort attribwibbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghad-divorzju.

Minn naha tieghu l-konvenut permezz ta' kontro-talba jattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attrici.

**Divorzju**
Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Guju 1998, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel wiehed, Edward li twieled fl-10 ta' Dicembru 1999 u li ghalhekk illum ghandu 16-il sena u ghadu minorenni.

Illi permezz ta' ordni tal-Qorti datata 3 ta' Mejju 2012[1] dawn il-proceduri gew konvertiti minn proceduri ghal separazzjoni personali fi proceduri ghal divorzju.

<u>*Verzjoni Attrici*</u>
Fix-xhieda taghha l-attrici ssostni li l-konvenut kien jaf mill-bidu bl-incident li hija kellha meta kienet tifla, fejn habtet rasha u kellha *Encephalitis*. Missier l-

[1] Vol. 10, fol. 2211.

attrici kien irrakkonta kull dettal ta' dan l-incident lill-konvenut, anki meta kellha terga' titla' l-Ingilterra ghaxar snin wara. Hija tishaqq li fil-familja taghha qatt ma kellhom kazijiet psikici. Tghid li qabel ma zzewgu –

> "kellna nimlew formoli bid-dettalji taghna u ma hallejt xejn barra. Wara, D kien akkompanja lili flimkien ma' ommi ghand Dr. Peter Muscat sabiex itina certifkat kif kien mehtieg ghall-Formola taz-zwieg. Dan ic-certifikat gie pprezentat il-Kurja. Billi il-Kurja raw li kien hemm certifikat ta' Dr. Peter Muscat, qalulna biex immorru ghand l-Ispecjalista tal-Kurja. D stess kien rega' gie mieghi u ma' ommi ghand [il-psikjatra] Dr. George Debono. Dakinhar stess jiena u D X ipprezentajna d-dokumenti kompluti lil Kurja...Ta' min isemmi li tant D kien jaf bl-incident tieghi fid-dettal li qatt ma hass in-necessita` li jikontesta dawn ic-certifikati... D kellu jaghmel dikjarazzjoni il-Kurja li kien jaf x'fihom ic-certifikati ta' Dr. Muscat u ta' Dr. Debono"[2]. [L-attrici tghid li] "Fil-11 ta' Lulju 2001 Dr. Muscat kellem lil D... Dr. Muscat qatt ma uza' il-kliem 'mard mentali' imma li kelli *post natal condition*"[3].

L-ewwel argument li kellhom il-partijiet, skond l-attrici kien xi ftit xhur wara li zzewgu fejn il-konvenut kellhu jmur ghal martu biex iwassalha d-dar ghax kien stiednu lil ohtu u riedet tipprepara pero' ma kienx mar ghaliha. Wara li ta verzjonijiet differenti ghaliex ma ltaqghux, il-konvenut irrabja ghax ma qablitx mieghu, sussegwentement hi kienet saret taf li zewgha kien hassar il-laqgha m'ohtu minghajr ma kien qallha xejn. L-attrici tghid li waqt il-*honeymoon* zewgha ghamel kwazi 24 siegha rieqed, kien biered maghha u kien icempel spiss lil ommu u ghalhekk kienet tghidlu *mummy's boy*. Hija tiddeskrivi l-komportament tal-konvenut bhala infatwazzjoni da parti tieghu; tghid li ommu kienet tindahal hafna bejnithom u li zewgha kien jiddependi fuq ommu ghal kollox. Hi ssemmi sensiela t'affarjiet li omm il-konvenut kienet tindahal fihom. L-attrici ssostni li zewgha qatt ma ghamel is-sodda, kiness id-dar, hasel platti, hwejjeg jew art jew sajjar,ghalkemm kien jaghmel affarjiet ohra li ssemmi fix-xhieda taghha.

Tghid li "*Matul iz-zmien li domna flimkien ma tantx kien ifittixni ghas-sess. Li ghamel [kien ghamlu] .. ghat-tfal u mhux bl-imhabba. Ma kienx jurini affett [affezzjoni] u sa minn Gunju 2000 hu stess [kien] stqarr ma ommi li ma keinx qed ifittixni izjed*"[4]. Hija tkompli tispjega kemm il-konvenut ma kellux karezzi, kien indifferent ghaliha u ma kienx javvicinaha ghall-intimita anke qabel iz-zwieg.

---

[2] Vol. 9, fol. 2043.
[3] Vol. 9, fol. 2047.
[4] Vol. 9, fol. 2044.

Dwar il-karattru tal-konvenut l-attrici tghid li huwa jghati l-impressjoni li hu bniedem précis pero imbaghad kien ihalli d-dar f'disordni tali li ma kienitx abitabbli. Kien jikkalkula kull haga ghal dak li ghandu x'jaqsam fuq l-infieq fil-*honeymoon* pero' hu ma jixtri xejn.

> "Wara z-zwieg, iktar ma beda ghaddej iz-zmien iktar bdejt ninduna li D beda jinbiddel: irid tieghu ta' bilfors, tieghu biss tajjeb, qatt ma jammetti zball u li jekk jirrizulta zball jipprova jghattih akkost ta' kollox, anki jekk ikun kostrett jghid kelma b'ohra, kif nistghu naraw 'il quddiem. Tul it-tliet snin u nofs mizzewga lil D, qatt ma naf li qal 'grazzi' jew *'sorry'*. Iktar ma beda jghaddi iz-zmien bdejt nithasseb ghaliex D ma baqx dak li kont nafu jien. Fejn qabel, meta konna ghadna gharajjes D kien jikkomplimentani u jzieghel bija, wara z-zwieg spicca jkun kattiv, inkejjus, aggressiv u vjolenti"[5].

L-attrici tghid li x-xiri kienet taghmlu hi u dan, minkejja li hija kienet tasal id-dar mix-xoghol fis-6.00 pm filwaqt li zewgha kien jasal fis-1.00pm u ghalhekk kien ikollu aktar hin biex jaghmel dan. Hija tkompli tispjega kif minkejja li kienet baqghet tahdem anke wara z-zwieg kienet ukoll taghmel dak mehtieg fid-dar bhal hasil tal-hwejjeg, moghdija, xiri, tisjir u xoghol iehor, ghalkemm tghid li lejn l-ewwel xahar taz-zwieg il-konvenut kien jisbarazza.

L-attrici tghid li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet baqghet tajba sakemm kellha lit-tifel. Id-dar fejn kienu garru fil-Mosta anke waqt li hi kienet fl-ahhar gimgha tat-tqala kienet baqghet mhux kompluta b'affarjiet temporanji, nuqqasijiet u kaxxi kbar li garrew fihom fin-nofs fil-kmamar kollha sakemm hija kienet kostretta li titlaq mid-dar peress li ma kellhiex ghamara fejn tbaghtalhom. Wara li kellhom it-tarbija, l-attrici tghid li kienet ghamlet ftit aktar minn xahar tghix ghand il-genituri taghha peress li ma kellhiex kumdita` god-dar matrimonjali u anki sabiex tiehu sahhitha lura. Tghid li lit-tifel dejjem hadet hsiebu regolarment.

L-attrici ssostni li hi kienet thossha abbandunata minn zewgha:

> "Mhux kull mara abbandunata minn zewgha thossha ghajjien meta trid tahseb ghal kollox hi! Mela xi nghidu ghal D li appena jigi mix-xoghol, l-ewwel ma jaghmel kien li jiehu raqda twila!... Iktar ma beda jghaddi zmien mit-twelid tat-tifel, D iktar beda jzid fl-atteggjament ostili tieghu lejja. Dan flimkien mal-ambjent mill-ghar li kelli d-dar; ma stajtx niehu ruh. Kont inhossni 'down' u mdejqa u meta [kien] jigi D id-dar, ghalkemm kont nistennih b'herqa, minflok insibu ta solliev ma kienx jghid kelma. Appena jasal mix-xoghol, imur jorqod filwaqt li meta jqum kien, jew imur fil-garaxx jaghmel xi

[5] Vol. 9, fol. 2046.

> bicca xoghol lil barranin jew imur jahdem ghand tal-familja tieghu jew jitla' fil-kamra tal-bejt fejn hadem xi xoghol ghal familja (meta id-dar taghna kienet ghadha vojta) u fejn l-access ghaliha kellu D biss permezz ta' sellun twil u wieqaf. Lil zewgi qatt ma kont tarah id-dar jerfa' ftit mir-responsabbilta' taz-zwieg, dejjem imhabbat bi skuza jew ohra basta jzomm il-boghod mill-familja. Minflok jifhimni u jghini, D kien ikompli jkissirni billi ma kienx jaghti kazi, beda jinjurani filwaqt li ma kelli l-ebda hajt ta' kenn minnu. Iktar ma beda jghaddi iz-zmien iktar kompla zied f'dan l-atteggjament u beda anki jkun aggressiv, jajjarni u jkasbarni"[6].

Inoltre, hija tghid li fit-30 ta' Lulju 2001 zewgha aggrediha fizikament b'daqqiet ta' sieq. Din kienet l-ewwel darba li jien vjolenti fisikament fil-konfront taghha u fl-10 ta' Settembru 2001 hija tallega li l-konvenut kien ta xeba quddiem id-dar tal-genituri tieghu.

L-attrici tichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghha u tikkonferma li fil-5 ta' Dicembru 2001 hija telqet mid-dar –

> "biex tigi salvagwardjata sahhti u sahhet ibni minn iktar attakki min-naha ta' zewgi, jien gejt moghtija struzzjonijiet sabiex niehu hwejjgi u hwejjeg ibni mid-dar matrimonjali u flimkien ma ibni mmur noqoghod mal-genituri tieghi. Flimkien mal-genituri tieghi garrejna il-hwejjeg tieghi u tat-tifel u hallejna l-post sew f'ordni shiha kif ukoll nadif u fuq kollox ma kien hemm xejn imkisser"[7]

<u>*Verzjoni Konvenut*</u>

Il-konvenut jghid li l-problemi fiz-zwieg bdew wara biss xahar li kienu ilhom mizzewgin u komplew tul it-tqala ta' l-attrici u anke wara. Dawn il-problemi jghid li kienu jikkonsistu f'li l-attrici "*ghal xejn b'xejn issir aggressiva mieghi u kienet tibda tghajjat u twerzaq minghajr raguni. Aktar ma' beda jghaddi z-zmien aktar bdiet taggrava*"[8].

Il-konvenut ma jaqbilx li d-dipressjoni ta' martu kienet rizultat tat-tqala taghha izda jsostni li l-komportament taghha kien minn dejjem. Jghid li l-problemi matrimonjali taghhom kienu frott tal-mard mentali ta' l-attrici li huwa skopra f' Awissu 2001. Ikompli jispjegga li martu kienet rat ukoll lil Psikjatra Dr. Peter Muscat u bdiet tiehu l-kura preskritta lilha. Barra minnhekk, jghid ukoll li l-attrici u l-genituri taghha kienu hbewlu l-fatt li l-attrici kienet ilha sa minn mindu kienet ghadha zghira tbati minn mard mentali. Il-partijiet kienu wkoll marru ghal *counselling* tal-Moviment ta' Kana, u dan fuq suggeriment tal-konvenut.

---

[6] Vol. 9, fols. 2046, 2047, 2048.
[7] Vol. 9, fol. 2054.
[8] Vol. 2 fol. 269.

Skond il-konvenut huwa kien jghin fid-dar: kemm f' affarjiet relatati mal-manutenzjoni, kif ukoll f' affaraijiet ohra meta kellhom lil binhom. Jghid li matul il-konvivenza l-agir aggressiv ta' l-attrici kompla jintensifika u d-doza tal-pilloli li kienet qeghda tiehu kienet qieghed jizdied kull xahar

Huwa jispjega li –

> "F kienet titfa l-affarjiet ghalija, tirrabja mieghi u kienet qeghda issir aggressiv fil-konfront tat-tifel. Hija kienet taqbdu u tifghu bil-goff fil-*playpan;* kienet anke harqitu u darba minnhom rajtha jiena stess tghaddasslu rasu fil-banju mimli bl-ilma. Meta jien kont insaqsiha biex kien jinharaq it-tifel hija kienet tghidli illi kien jkun wegga' mal-forn. Hija kienet torqod ghal sieghat twal u lit-tifel ma kienetx kapaci ittih l-attenzjoni illi [kien] jehtieg. F'dan il-perijodu ommi kienet tigi tiehu hsieb lit-tifel minn kmieni filghodu, wara li jiena kont immur ix-xoghol u kienet fost affarjiet ohra taghmel xi facendi fid-dar. Li kieku ma' kienx ghal ghajnuna ta' ommi kieku f'dak il-perijodu jiena ma' kontx stajt immur xoghol biex inkun nista' niehu hsieb lit-tifel"[9].

Huwa jirrakkonta wkoll incident meta t-tifel kellu sentejn, fejn wara li l-konvenut kien giex mix-xoghol sabu bi tbengila taht ghajnejh, girfa f'wiccu u nofs wiccu minfugh, u meta staqsa lill-martu ghal aktar dettalji hija bdiet twerzaq u telqet minghajr spjegazzjoni ghajr li t-tifel kien wegga' meta waqa' id-dar, huwa kien qal lil ommu biex tiehu lit-tifel ghand it-tabib tal-familja, li minn naha tieghu kien rrefera lit-tifel ghal *casualty* fl-isptar.

Il-konvenut jitkellem ukoll dwar l-indhil tal-genitru ta' l-attrici, li kien intensifika wara li l-attrici kienet marret ghand il-psikjatra. Huma sahhansitra kienu tawha parir sabiex ma tiehux il-kura. Jghid li ghal habta t'Ottubru 2001 sema' telefonata bejn martu u ommha fejn dina bdiet theggeg lill-istess attrici sabiex tipprovoka lill-zewgha halli b'hekk igibuh dahru mal-hajt - f' dik l-okkazjoni l-attrici rrispondietha li l-konvenut kien jibqa' kwiet u ommha qaltilha biex tibqa' tipprova. Meta l-konvenut ikkonfronta lill-omm l-attrici dwar dan hija ammettiet u staqsietu fejn kien sar jaf b'dan id-diskors u minn dakinhar l-konvenut lill-genituri tal-attrici ma riedhomx aktar id-dar, izda huma xorta wahda kienu jmorru meta huwa kien ikun ix-xoghol.

Fil-5 ta' Dicembru 2001 wara li hu rritorna lura mix-xoghol, sabi id-dar imqallba u induna li martu kienet telqet mid-dar flimkien ma' binhom; maghha hadet il-hwejjeg taghha u tat-tifel u xi oggetti ohra li l-partijiet kien xtraw fiz-zwieg. Kien

[9] Vol. 2. Fol. 269 u 270.

sab xi thazziz mal-hajt li l-gholi tieghu kien aktar `il fuq minn dak tat-tifel u ghalhekk it-thazzizz ma setghax sar mit-tifel. Il-konvenut issostni li martu marret tghix mal-genituri taghha u waqt li kien imur jigbor it-tifel fil-bidu "*il-genituri taghha u kif ukoll xi drabi F [kienu] johorgu jinsulentawni u jaghmlu x-xenati fil-pubbliku... darba minnhom sahansitra kienu anke barxuli l-vettura tieghi*"[10].

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi prodotti hemm evidenza sufficjenti sabiex jigi stabbilit li l-partijiet huma t-tnejn hatja tat-tifriek taz-zwieg, minhabba sevizzi fil-konfront ta' xulxin.

Minn naha taghha l-attrici kienet tbaghati minn *depression.* kundizzjoni li effetwat il-komportament taghha fiz-zwieg u l-komportament taghha lejn zewgha. Din il-kundizzjoni affettwat l-hajja matrimonjali tal-partijiet b'mod negattiv. Minn naha tieghu l-konvenut m'appoggjax u m'ghinx lil martu sabiex, minkejja l-istat li din kienet fih, l-konvivenza tkun wahda sapportabbli.

Huwa d-dmir legali tal-konjugi li joffru appogg u sostenn lil xulxin u f' dan il-kaz il-konvenut naqas milli jaghmel dan fil-mument meta martu kienet qeghda tbaghati minn dina l-kundizzjoni.

L-attitudni u l-piki ta' bejn il-partijiet, apparti milli rrendew insapportabbli ghal xulxin il-konvivenza matrimonjali, irrendew wkoll il-process odjern wiehed twil u litigjuz hafna; wkoll hallew ir-relazzjoni hazin ta' bejniethom testendi ghal tul ta' zmien wara li z-zwieg tkisser sa ma affettwat it-tifel ukoll. Di fatti dan it-tifel, sa minn meta kienu ghadu ta' eta' tenera, ghadda minn trawmi kontinwi minhabba l-fatt li l-genituri tieghu ma kienux kapaci jpoggu d-differenzi taghhom fil-genb u jharsu l-interessi tal-minuri bhala supremi, 'il fuq mit-tilwim matrimonjali ta' bejniethom. L-indhil ta' terzi persuni certament m'ghinx is-sitwazzjoni, izda kompla holoq aktar firda u mibgheda bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort taz-zewg partijiet minhabba sevizzi kommessi fil-konfront ta' xulxin, liema sevizzi rrendew il-konvivenza matrimonjali insapportabbli ghal xulxin. Minn naha tal-attrici jirrizulta li l-komportament taghha fil-konfront tal-konvenut zewgha sa anke qabel it-twelid tat-tifel kien wiehed aggressiv, filwaqt li l-komportament tal-konvenut lejn martu kien wiehed ta' indifferenza tali li kien juri li l-konvenut ma kienx sensittiv ghal bzonnijiet ta' martu; dan huwa evidenzjat b' mod partikolari bil-fatt li tul il-konvivenza huwa kien halla d-dar fi stat li ma kienitx komodament abitabbli. Fis-succint, iz-zewg partijiet urew nuqqas kbir ta' affezzjoni fil-konfront ta' xulxin b' doza qawwi ta egoizmu.

[10] Vol. 2, fol. 271.

Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li jikkonfiguraw fil-konfront taz-zewg partijiet is-sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40, tal-Kodici Civili u li l-komportament abuziv taghhom jattira fil-konfront tat-tnejn l-applikazzjoni shiha tal-artikolu 48 tal-istess kodici.

**Kura u Kustodja**
Illi l-Qorti tinnota li llum it-tifel tal-partijiet, ghalkemm ghadu minuri ghandu 16-il sena.

Din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tax-xhieda u tar-rapport ta-diversi esperti imqabbda minnha hija tal-fehma li, fl-interess suprem tal-minuri, filwaqt li l-kura u kustodja tat-tifel tkun fdata f' idejn l-attrici, il-missier ikollu access liberu izda <u>konkordat</u> bejnu u bejn it-tifel. Din il-Qorti tispera li mal-mghoddija taz-zmien it-tifel jirrealizza li z-zewg partijiet huma l-genituri bijologici tieghu u li t-tnejn kemm huma jixtiequ li jarawh kuntent f' relazzjoni sana li ghandha tezisti kemm bjen l-omm u t-tifel kif ukoll bejn il-missier u t-tifel.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi u l-battalji dwar il-minuri ta' dawn is-snin li certament ma kienu ta' l-ebda beneficcju ghall-istess minuri, il-Qorti tordna li l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata lill-attrici sabiex tkompli tirrifletti s-sitwazzjoni prezenti.

**Manteniment**
Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin.

Fir-rigward tat-tifel minuri, permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla datat 18 ta' Dicembru 2001[11] gie ordnat li l-manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut ikun ta' Lm70 (€163.06) pagabbli kull xahar bil-quddiem.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-kontribut li ghandu jaghti l-konvenut ghat-trobbija tat-tifel tieghu jkun ta' €170 kull erba' gimghat. Ghalhekk tordna li l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghal-minuri jkun ta' mija u sebghin euro [€170] kull erba' gimghat bil-quddiem, oltre nofs l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni tieghu, u nofs l-ispejjez medici li jkunu ta' natura straordinarja, bhal per ezempju [inkluzivament u mhux esklussivament], spejjez necessarji ta' dentistrija u oftalmologija. Ir-rifuzjoni tal-ispejjez ghandu jsir versu l-prezentata tad-debiti fatturi jew ricevuti.

---

[11] Vol. 1, fol. 6.

Dan l-obbligu tal-konvenut ghandu jibqa' jissussti sakemm it-tifel jaghlaq it-tmintax-il sena jew sakemm jibqa' jistudja *full time* sa' l-eta' massima ta' 23 sena, skond liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel.
Il-manteniment ta' €170 ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif muri mill-indici ufficjali mahrug mill-gvern.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Fir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula u mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit gudizzjarju fir-rapport tieghu, u ghaldaqstant qeda tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 53 sa 83 tar-relazzjoni peritali [Appendici A] b' mod li dawn jifformaw parti integrali mill-gudizzju odjern.

Jigi iosservat li l-konvenut fit-trattazzjoni finali kkontesta l-ammont ta' €4,905.45 indikat f'pagni 73 – 75 tar-rapport tal-Perit Legali. Din il-Qorti, wara li rat il-parti relevanti tar-rapport u tenut kont tal-provi akkwiziti, hija tal-fehma li m' ghandhiex tiddisurba l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-rigward. Ghaldaqstant b' mod specifiku qed taddotta dik il-konkluzjoni wkoll.

**Kunjom**
Il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali li l-konvenut ma gabx prova sufficjenti sabiex juri li jkun ta' pregudizzju ghalih jekk l-attrici zzomm il-kunjom "X".

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, htija tat-tnejn;

[2] tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri u l-access jigi regolat kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Kura u Kustodja'**;

[3] tichad in parte t-tielet talba peress li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment, filwaqt li tilqa' t-talba ghall-manteniment ghat-tifel hekk kif gie stabbili u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Manteniment'**;

[4] tilqa' r-raba talba li l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet;

[5] tilqa' t-talba numru hamsa u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti';**

[6] tilqa' is-sitt talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti';**

[7] tichad is-seba’ talba;

Fir-rigward tal-kontro-talba tiddeciedi billi tiddisponi mit-talbiet numri [1] sa [9] fis-sens gja fuq decizi; tilqa’ l-ghaxar [10] talba; tichad it-talba numru hdax [11].

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament u b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**